# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 10 ta’ 2022, miżmuma nhar it-13 ta’ Lulju 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u tnax-il minuta ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Stephen Cordina | Ħ’Attard LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Chris Gatt | Mosta LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll, kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Vici President |
| • Stephen Gatt | Ħal Balzan LC | Membru delegat |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

1. AĠENDA

10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
10.3 Komunikazzjoni tal-President;
10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
10.5 Kumunikazjoni
10.6 Rapporti;
10.6.1 Rapport tal-Bord at' L-għazla – clerk
10.6.2 2nd quarter management accounts.
10.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
10.7.1 SIA Update
10.7.2 Waste Tender - update
10.7.3 MFA -Women football – Girls' event - Update
10.7.4 Gardening Course – update
10.7.5 Ħal Balzan – PA/03682/22
10.7.6 Health and Safety – Risk Assessment Tender
10.7.7 Waterford Cultural Visit
10.7.8 Street Art Festival
10.7.9 Festival Baned u Nar
10.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
10.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:12 mil-President, is-Sur Clifford Galea Vella.

## - Qari tal-ittri t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Stephen Gatt u Anne Marie Muscat Fenech Adami kienu skużati.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

- Il-minuti tal-laqgħa numru 8 miżmuma f'Ġunju 2022 ittieħdu bħala moqrija.
  Stefan Cordina ippropona li jkunu approvati u John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.
- Il-minuti tal-laqgħa Urġenti numru 9 miżmuma f'Ġunju 2022 ittieħdu bħala moqrija. Paul Vella ippropona li jkunu approvati. Stephen Cordina issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajjma:

Alfred Grima qal li fir-rigward tal-iskema kulturali approvata fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill kien ser jgħin bl-elfejn ewro lil Banda San Pawl sabiex jittella l-kunċert tal-kommemorazzjoni tal-75 Anniversarju tal-istess banda.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Stephen Cordina qal li l-Kunsill ta' Ħ'Attard, kien ser ikun qed jgħin tliet għaqdiet lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri li huwa mportanti li l-benefiċjarji jkunu għaqdiet reġistrati mal-Volontary Organisations. Stephen Cordina ikkonferma li żewġ għaqdiet ġa kellhom din ir-reġistrazzjoni u t-tielet wieħed kien qed jaħdem fuqha.

## Komunikazzjoni mil-President

Il-President Cifford Galea qal li rċieva komunikazzjoni mis-Sindku tal-Imtarfa Kyle Mifsud rigward tellieqa mtellgħa minn terzi fil-konfini tal-Imtarfa. Il-President talab lis-sur Mifsud jispjega aħjar. Kyle Mifsud qal li kienet ser issir tellieqa tal-karozzi magħrufa bħala Mdina Grand Prix. Spjega li din it-tellieqa tinżamm f'żona tal-bypass tal-Imtarfa li jmiss ma' żewġ Kunsilli oħra. Il-problema kienet li minħabba din l-attivita, ikun hemm nuqqas t' aċċess fl-Imtarfa għal tlett ijiem. Diversi membri tkellmu dwar dan u ssuġġerew li l-Kunsill tal-Imtarfa jitkellem ma' dawk tar-Rabat u l-Imdina u flimkien magħhom jifformolaw strateġija t'azzjoni fir-rigward tat-tellieqa.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Enemalta – diversi membri staqsew jekk kienx hemm xi segwitu rigward il-kwistjoni t'Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien bgħat ittra lid-Direttur Ġenerali, s-Sur Natalino Attard.

Il-President spjega li Enemalta ser tkun qed tbiddel il-bozoz tat-toroq eżistenti u minflok tagħmel oħrajn li jaħlu inqas enerġija.

Alfred Grima qal li bħala Kunsill mhuwiex favur li San Pawl il-Baħar juża s-servizzi ta' enemalta u jekk ir-Reġjun mhux ser joħroġ talba għall-offerti, il-Kunsill ser ikun qed joħroġ waħda hu. Stefan Cordina qal li ftehim bħal dan qed ikompli jnaqqas is-saħħa u l-awtonomija tal-Kunsilli. Paul Vella, kif ukoll John Buttigieg qalu li l-AKL qed taħdem kontra dak li l-istess assoċċjazzjoni ħadmet u ġabet 20 sena qabel. Huma t-tnejn qalu li l-AKL missha qed tiġġieled il-battalja biex ma jitnaqrux dawn id-drittijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jerġa jikteb ittra lid-Direttur Ġenerali fejn jitolbu biex jerġa joħroġ il-kuntratt tad-dawl.

## – Komunikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li beda komunikazzjoni ma' Bażilikata u Toskana dwar proċess ta' komunikazzjoni ma' Reġjuni fi Sqallija.

## – Rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li titwaqqaf il-laqgħa sabiex ikun preżentat it-tieni set ta' Management Accounts mill-accountant Romina Perici Ferrante. Il-Membri qablu u l-laqgħa twaqfet.
Wara li l-laqgħa reġgħet bdiet, il-President Clifford Galea ippropona li r-rapport ikun approvat. Paul Vela issekonda. Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

SIA (Social Impact Assessment) study – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li nżammet laqgħa mal-professur Andrew Azzopardi u żewġ membri tat-team tiegħu flimkien mal-President. Kienet diskussa l-proposta tal-Univerista ta’ Malta u s-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Universita qablet li jiddaħħal l-istudju fuq il-perċezzjoni fuq il-Kunsilli. In-nefqa indikata għal dan l-istudju hija ta’ €34,500. Fil-ġimgħat li ġejjin, l-Universita ser tkun qed terġa tibgħat il-proposti bit-tibdil mitlub bil-ħsieb li ssir preżentazzjoni lill-membri fil-laqgħa li jmiss. Wara li tkun preżentata lil-membri, għandha ssir laqgħa mal-membri tal-Kunsilli kollha bħal ma saret fix-xhar ta’ April. Il-membri qablu.

Diversi membri staqsew x’ser isir minn dan l-istudju. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan id-dokument jippartjeni lir-Reġjun u sta għar-Reġjun biex jippublikah. Huwa qal li l-pubbliku għandu d-dritt jara dan id-dokument.

MFA Girls Footbal. Ir-Reġjun kien qed jgħin lil MFA women Footbal biex tittellgħa attivita għas-26 ta’ Lulju. Din għandha ssir fil-ground tal-Imġarr. Ser ikunu qed jitqassmu leaflets f’kull Kunsill.

Kors tal-Ortikultura. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-kors kien kważi mfassal u baqa’ biss xi Kunsilli biex iwieġbu. Spjega li ser ikunu qed iċemplu lill-Kunsilli fil-ġimgħat li ġejjin biex jikkonkludu dan il-kors.

Fuq l-istess nota, baqa’ xi Kunsilli li għadhom ma tawx tweġiba fuq liema siti jridu li jkun imwettaq fuq 3D. Ser ikun qed ikellem lill-Kunsilli Lokali rispettivi fil-ġimgħat li ġejjin.

Health and Safety – Risk Assessment Tender, il-membri infurmaw li ser jiġu diskussi xi punti fil-laqgħa tal-Kunsilli rispettivi u ser jiprovdu iżjed informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

Festival Baned u Nar – Il-President Clifford Galea qal li r-Reġjun kien żamm laqgħa ta’ nformazzjoni ma’ diversi baned tar-Reġjun. Fil-laqgħa ħareġ ċar li jkun aħjar jekk il-Festival jinżamm għal żmien Mejju minflok Ottubru minħabba li preżentament hemm problema ta’ nuqqas ta’ nar. Spjega wkoll li kien hemm il-proposta li jitqabbad il-Maestro Raymond Sciberras bħala direttur artistiku mużikali tal-Festival. Il-President talab lill-membri l-opinjoni tagħhom u dawn qablu mal-proposta li l-Festival jimxi għal Mejju kif ukoll li jitqabbad il-Maestro Sciberras jekk jaċċetta.

Tender tal-Iskart. Is- Segretarju Eżekuttiv qal li minn l-aħħar laqgħa kienu daħlu l-qorti żewġ mandati ta’ inibizzjoni. Id-DLG flimkien mal-AKL kienu qablu li l-aħjar jitqabbad avukat (kumpanija t’ Avukati) waħda sabiex tiġġieled dan il-każ. Fil-fatt tqabbdet il-kumpanija Ganado Advocates. Il-President u s-Segretarju Eżekuttiv kienu fformolaw commitment letter mal-istess avukati.

Safar – Waterford Ireland – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li qabel ma faqqgħet il-pandemija kien sar studju min-naħa tal-Arts Council mar-Reġjuni u parti minn dan kellu jkun hemm żjara barra minn Malta biex nosservaw pajjiżi oħra kif jaħdmu. Għat-Tramuntana kienet intagħżlet Waterford fl-Irlanda. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Arts Council kienet bdiet skema t’ għajnuna sabiex jitwettaq dan il-vjaġġ li kellu jseħħ qabel nofs Ottubru. Spjega wkoll li r-Reġjun qabel kien ħaseb li l-membri kollha tar-Reġjun ikunu jistgħu jitilgħu għal din iż-żjara li għandha sservi bħal eżerċizzju ta’ team building, id-dati huma mid-9 ta’ Settembru sat-12 ta’ Settembru 2022. Il-President Clifford Galea qal li għalkemm din id-deċiżjoni kienet ittieħdet qabel żmienu, jemmen li tagħmel sens u r-Reġjun għandu jkompli jaħdem fuqha. Il-membri qablu miegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikkomunika mal-membri u jaħdem fuq dan l-eżerċizzju.

Street Art Festival – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li r-Reġjun kellu fil-pjan li jittella’ festival ta’ Street Art madwar ir-Reġjun. S’issa għadu ma beda l-ebda xogħol, pero kien ser ikollu laqgħa ma’ xi kollaboraturi. Staqsa jekk irridux naraw li nibdew naħdmu fuq dan il-Festival u jekk jittellgħax fuq medda ta’ tliet snin u jsir f’kull lokalita bħal tal-baned u n-nar. Paul Vella ippropona biex naraw ikunx possibli issir xi attivita għal din is-sena u jitkompla fis-snin li ġejjin. Stefan Cordina issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 151 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 3 t’ Awwissu 2022, fis-sitta ta’ filgħaxija.

________________________ ____________________________

Clifford Galea Vella
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum l-Erbgħa 3 t’ Awwissu, 2022



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt